



Brussell, 2 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

**13495/25**

**FISC 258  
ECOFIN 1282**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL f'konformità mal-Artikolu 105a(6) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar id-derogi fuq ir-rati tal-VAT applikati mill-Istati Membri

Id-delegazzjonijiet isibu mehmaż id-dokument COM(2025) 585 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 585 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.10.2025  
COM(2025) 585 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**f'konformità mal-Artikolu 105a(6) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar id-derogi  
fuq ir-rati tal-VAT applikati mill-Istati Membri**

## **Daħla**

Il-Kummissjoni tippreżenta dan ir-rapport f'konformità mal-Artikolu 105a(6) tad-Direttiva 2006/112/KE<sup>1</sup> (id-Direttiva tal-VAT), li tagħti dettalji dwar il-provvisti ta' oġġetti u servizzi koperti mill-Artikolu 105a, il-paragrafi 1 u 3 u mill-Artikolu 105b. Ir-rapport jispjega kif l-Istati Membri japplikaw derogi li jinvolvu rati mnaqqsas, inklużi rati aktar baxxi mill-minimu speċifikat fl-Artikolu 98(1) (rati mnaqqsas ħafna), u eżenzjonijiet bil-possibiltà ta' tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT, Value Added Tax) imħallsa fl-istadju preċedenti (rati żero).

Id-dettalji pprovduti f'dan ir-rapport huma bbażati esklużivament fuq l-informazzjoni riċevuta mill-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni mhi responsabbi għall-ebda nuqqas ta' akkuratezza fid-data. Kwalunkwe konklużjoni jew spiegazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport mhux neċessarjament tirrifletti l-opinjoni uffiċjali tal-Kummissjoni. La l-Kummissjoni u lanqas il-persuni li jaġixxu f'isimha mhuma responsabbi għall-użu sussegwenti tal-informazzjoni f'dan ir-rapport.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1](#)), kif emendata.

## **Werrej**

1.	Sommarju Eżekuttiv .....	4
2.	Kuntest .....	5
3.	Oġġetti u servizzi li għalihom I-Istat Membri japplikaw derogi fuq ir-rati tal-VAT 7	
3.1	Osservazzjonijiet ġenerali dwar id-derogi kollha .....	7
3.2	Derogi għall-oġġetti u għas-servizzi elenkti fl-Anness III .....	9
3.3	Derogi għal oġġetti u servizzi mhux elenkti fl-Anness III.....	11
3.4	Derogi għall-akkomodazzjoni li mhumiex parti minn politika soċjali .....	12
3.5	Derogi li jinvolvu għażiex magħmula skont I-Artikolu 105a(5).....	12
4.	Prospettiva .....	13
	Anness 1: Lista simplifikata ta' derogi .....	14
	Anness 2: Lista simplifikata ta' derogi skont is-setturi .....	19
	Anness 3: Lista dettaljata ta' derogi skont I-Istat Membru .....	24

## **List ta' Illustrazzjonijiet**

Illustrazzjoni 1: Numru ta' derogi applikati mill-Istat Membri.....	7
Illustrazzjoni 2: Tranżazzjonijiet koperti minn diversi derogi .....	8
Illustrazzjoni 3: Numru ta' derogi skont it-tip ta' rata tal-VAT.....	8
Illustrazzjoni 4: Derogi skont is-setturi ekonomiku .....	9
Illustrazzjoni 5: Derogi b'rata mnaqqsa ħafna skont I-Istat Membru .....	10
Illustrazzjoni 6: Derogi magħżula mill-Istat Membri skont I-Artikolu 105a(5) .....	13

## **Glossarju**

<b>Rata mnaqqsa:</b>	Rata tal-VAT mhux inqas mill-minimu ta' 5 %.
<b>Rata mnaqqsa ħafna:</b>	Rata mnaqqsa inqas mill-minimu ta' 5 %.
<b>Rata żero:</b>	Eżenzjoni bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti.
<b>Rata parking:</b>	Rata mnaqqsa mhux inqas minn 12 %.
<b>Deroga:</b>	Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, "deroga" tfisser I-applikazzjoni ta' rata tal-VAT aktar baxxa mir-rata standard ibbażata fuq I-Artikoli 105a(1), 105a(3) jew 105b tad-Direttiva tal-VAT.

## Informazzjoni Legali

**Dan ir-rapport huwa bbażat eskuživament fuq informazzjoni pprovduata mill-Istati Membri fil-komunikazzjonijiet tagħhom lill-Kumitat tal-VAT.**

Skont l-Artikolu 105a(6) tad-Direttiva tal-VAT, sal-1 ta' Lulju 2025 u abbażi tal-informazzjoni pprovduata mill-Istati Membri, il-Kummissjoni jeħtiġilha tippreżenta rapport b'lista komprensiva li tindika l-oġġetti u s-servizzi msemmija fl-Artikolu 105a, il-paragrafi 1 u 3 u fl-Artikolu 105b li għalihom jiġu applikati r-rati mnaqqsa, inklużi r-rati mnaqqsa ġafna, jew ir-rati żero, fl-Istati Membri.

Mhux aktar tard mis-7 ta' Lulju 2022, l-Istati Membri kellhom jikkomunikaw lill-Kumitat tal-VAT it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali u l-kundizzjoni għall-applikazzjoni tagħhom kif applikat fl-1 ta' Jannar 2021 rigward:

- ir-rati mnaqqsa ġafna u r-rati żero msemmija fl-Artikolu 105a(1)<sup>2</sup>  
*(oġġetti u servizzi elenkti fl-Anness III, minbarra l-punti 1–6 u 10c)*
- ir-rati parking imsemmija fl-Artikolu 105a(3), l-ewwel subparagrafu<sup>3</sup>  
*(oġġetti u servizzi mhux elenkti fl-Anness III)*
- ir-rati mnaqqsa msemmija fl-Artikolu 105b(1)<sup>4</sup>

*(tranżazzjonijiet rigward l-akkomodazzjoni li ma jkunux parti minn politika soċjali).*

L-Istati Membri li ma kinux qeqħidin japplikaw rati parking, rati mnaqqsa ġafna jew rati żero għat-tranżazzjonijiet imsemmija hawn fuq fl-1 ta' Jannar 2021, iżda li xtaqu jaġħmlu dan, kellhom jadottaw ir-regoli dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dawk l-għażliet sas-7 ta' Ottubru 2023. Huma kellhom ukoll jikkomunikaw lill-Kumitat tal-VAT it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li adottaw<sup>5</sup>. Dawk l-Istati Membri jeħtiġilhom japplikaw dawn ir-rati għall-istess provvisti ta' oġġetti jekk servizzi u taħt l-istess kundizzjoni bħal dawk applikabbi fl-1 ta' Jannar 2021 fl-Istati Membri li, sas-7 ta' Lulju 2022<sup>6</sup>, ikkomunikaw id-dispożizzjonijiet u l-kundizzjoni ewlenin tad-derogi li diġà ġew applikati.

Kif stabbilit fl-Artikolu 105a(6) tad-Direttiva tal-VAT, **il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport ikopri biss id-derogi permanenti.**

Hemm derogi oħra, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 105a(2) tad-Direttiva tal-VAT, li jkopru tranżazzjonijiet mhux elenkti fl-Anness III, li għalihom l-Istati Membri japplikaw rata tal-VAT aktar baxxa minn 12 %, inklużi rati mnaqqsa ġafna u rati żero. Dawn id-derogi huma **temporanji**, peress li l-Istati Membri jistgħu japplikaw biss rati mnaqqsa ta' VAT ta' inqas minn 12 % jekk rati mnaqqsa ġafna jekk rati żero sal-1 ta' Jannar 2032, jekk sal-adozzjoni ta' arranġamenti definitivi skont l-Artikolu 402 tad-Direttiva tal-VAT. **Ir-rapport ma jirreferix għal dawn id-derogi temporanji.**

<sup>2</sup> L-Artikolu 98(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) tad-Direttiva tal-VAT.

<sup>3</sup> L-Artikolu 105a(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva tal-VAT.

<sup>4</sup> L-Artikolu 105b(2) tad-Direttiva tal-VAT.

<sup>5</sup> L-Artikolu 105a(5) tad-Direttiva tal-VAT.

<sup>6</sup> L-Artikolu 105a(1), ir-raba' subparagrafu; L-Artikolu 105a(3), it-tielet subparagrafu; L-Artikolu 105b(3) tad-Direttiva tal-VAT.

## 1. Sommarju Eżekuttiv

Dan ir-rapport jirrieżamina kif l-Istati Membri japplikaw id-**derogi tar-rati tal-VAT**, u jiżvela **distribuzzjoni** mhux uniformi. Minn total ta' 64 deroga, **il-Lussemburgu, I-Irlanda u I-Italja** waħedhom ikopru **75 %** minnhom. Il-bqija jikkonċernaw seba' Stati Membri oħra, jiġifieri **Malta, Ċipru, il-Greċja, Franza, il-Portugall, Spanja u I-Awstrija**.

Hemm **54 tip distint ta' tranżazzjonijiet** affettwati, li l-applikazzjoni ta' 10 minnhom tikkoinċidi fi 8 Stati Membri. **Aktar minn 90 %** tad-derogi jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' **rati mnaqqa ħafna (31 deroga)** u **rati parking (28 deroga)**.

**Is-settur tal-akkomodazzjoni u tal-kostruzzjoni** jiddomina d-derogi bi kważi **30 %**, segwit minn setturi bħall-kultura u t-turiżmu, **is-servizzi pubbliċi, I-ikel u I-ospitalità u s-servizzi finanzjarji**, li flimkien jiffurmaw **sehem ta' 40 %**. Setturi oħra kkonċernati huma **I-agrikoltura, il-benesseri tal-annimali u x-xandir**.

Total ta' **33 deroga** li jkopru l-oġġetti u s-servizzi **elenkati fl-Anness III** taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-**Artikolu 105a(1)** tad-Direttiva tal-VAT ġew applikati minn **seba' Stati Membri**, bil-**Lussemburgu** waħdu jammonta għal **45 %**. **L-Irlanda hija I-uniku** pajjiż li japplika **rati żero ta' VAT** fuq il-ħwejjeġ tat-tfal u s-servizzi marittimi. **L-Italja, Ċipru, Franza, Spanja u I-Greċja** japplikaw ukoll derogi ta' din il-kategorija li jkopru **rati mnaqqa ħafna** li jvarjaw minn **2,1 % sa 4 %**.

Barra minn hekk, **28 deroga** applikati minn **6 Stati Membri** huma relatati ma' oġġetti u servizzi **mhux elenkati fl-Anness III**, li jirrikjedu rata minima ta' 12 % biex jibqgħu permanenti. **L-Irlanda tinsab fil-quċċata tal-lista** f'din il-kategorija, wara li applikat għal nofs id-derogi kollha. **Il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, I-Awstrija u I-Greċja** jaqsmu n-nofs l-ieħor tad-derogi f'din il-kategorija. Ir-**rati parking** applikati f'din il-kategorija jvarjaw minn **12 % sa 14 %**.

**L-Italja** hija I-uniku pajjiż li japplika t-tielet kategorija ta' derogi relatati mal-akkomodazzjoni **mhux soċċali**. Tuża **rata tal-VAT ta' 10 %** għal diversi tranżazzjonijiet relatati mal-kostruzzjoni u mar-rinnovazzjoni tal-binjet, u dan jista' jitkompla wara **I-1 ta' Jannar 2042** jekk jiġi ssodisfat ir-rekwiżit ta' **rata minima ta' 12 %**.

Il-**possibbiltà li wieħed jagħżel** mid-derogi applikati minn Stati Membri oħra fl-1 ta' Jannar 2021 **intużat ftit li xejn**. Raġuni plawżibbli waħda għal dan hija li l-Istati Membri kkonċernati mhux dejjem qiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-applikazzjoni bħala adatti għall-ħtiġijiet tagħhom. **Ċipru, il-Greċja u Malta** biss għażlu total ta' **disa' derogi** applikati minn sitt Stati Membri oħra, b'dawn id-derogi jinqasmu b'mod pjuttost ugħali bejn **ir-rati mnaqqa ħafna u r-rati parking**.

## 2. Kuntest

Is-Sitt Direttiva tal-VAT<sup>7</sup> tal-1977 wittiet it-triq għal sistema komuni tal-VAT fl-UE. Din armonizzat aspetti ewlenin bħall-bażi taxxabbli u l-obbligazzjoni, iżda tat lill-Istati Membri libertà konsiderevoli fl-istabbiliment tar-rati tal-VAT. B'riżultat ta' dan, ħarġu prattiki nazzjonali differenti, inklużi rati mnaqqsa u żero multipli, li spiss jinżammu permezz ta' miżuri tranżizzjoni mogħtija lill-Istati Membri l-ġodda dwar l-adeżjoni.

It-tlestitja tas-suq uniku fl-1993 għamlet approssimazzjoni aktar mill-qrib tas-sistemi tal-VAT meħtieġa minħabba t-tnejħiha tal-fruntieri fiskali. Għal dan l-għan, l-introduzzjoni ta' regoli tranżizzjoni li jinvolu eżenzjoni għall-provvisti intra-Komunitarji ta' oġġetti u t-tassazzjoni korrispondenti tal-akkwiżizzjonijiet fid-destinazzjoni żgurat li t-tranżazzjonijiet kieno soġġetti għall-VAT fl-Istat Membru tal-konsum, u b'hekk naqqset ir-riskju ta' distorsjonijiet fil-kummerċ minħabba rati differenti tal-VAT<sup>8</sup>. Miżuri ġodda ta' simplifikazzjoni appoġġaw il-bidla<sup>9</sup>, bil-kamp ta' applikazzjoni għar-rati tal-VAT emendat biex jinkludi rata standard minima ta' 15 % kif ukoll rata jew tnejn imnaqqsa ta' mill-inqas 5 % għall-entrati elenkti fl-Anness III<sup>10</sup>.

Madankollu, skont ċerti derogi, l-Istati Membri jistgħu jżommu rati mnaqqsa jew żero introdotti qabel l-1991. Inizjalment, dawn id-derogi kellhom ikunu temporanji, sakemm tiġi introdotta sistema definitiva tal-VAT, iżda ppersistew għal għexieren ta' snin. Maż-żmien, l-akkumulazzjoni ta' eċċeżżjonijiet individwali rriżultat f'xenarju tal-VAT frammentat u kumpless, li jagħmel il-konformità diffiċċi, u joħloq inċertezza legali fis-suq uniku. It-tranżizzjoni għal sistema tal-VAT ibbażata fuq id-destinazzjoni, estiża progressivament għas-servizzi, wittiet it-triq għal flessibbiltà akbar fl-iffissar tar-rati. Issa li l-VAT trid titħallas fl-Istat Membru tal-konsum, id-differenzi fir-rati nazzjonali tal-VAT saru inqas probabbli li joħolqu distorsjoni fil-kummerċ transfruntier.

Dan ir-rapport jimmarka stadju importanti wara l-**ewwel riforma ewlenija tar-rati tal-VAT** fl-UE mill-bidu tas-snin 90. Abbażi ta' din ir-riforma, regoli ġodda dwar ir-rati tal-VAT daħlu fis-seħħ fis-6 ta' April 2022<sup>11</sup>.

Ir-riforma tipprovdi **flessibbiltà akbar** għall-Istati Membri u tallinja r-rati tal-VAT ma' objettivi Ewropej usa', inklużi s-saħħha pubblika, it-trasformazzjoni digħiġili u s-sostenibbiltà ambjentali. Ir-regoli l-ġodda jippermettu lill-Istati Membri jaapplikaw sa-żewġ rati mnaqqsa ta' VAT ta' mill-inqas 5 % għall-oġġetti u għas-servizzi elenkti fl-Anness III rivedut tad-Direttiva tal-VAT. Għandhom ukoll l-għażla li jaapplikaw rata mnaqqsa ta' inqas minn 5 % (rata mnaqqsa ħafna) jew rata żero ta' VAT (eżenzjoni bil-possibbiltà ta' tnaqqis fl-istadju preċedenti) għal prodotti u servizzi essenzjali speċifiċi, bħall-ikel u l-mediċini, iżda wkoll il-pannelli solari. Barra minn hekk, tistabbilixxi skadenzi għall-eliminazzjoni gradwali ta' rati mnaqqsa għal prodotti li jagħmlu ħsara lill-ambjent bħall-fjuwils fossili u l-pestiċċidi kimiċi sal-2030 u sal-2032,

<sup>7</sup> Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1.

<sup>8</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 li tissupplimenta s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u temenda d-Direttiva 77/388/KEE bil-ħsieb li tneħħi l-fruntieri fiskali, ĠU L 376, 31.12.1991, p. 1.

<sup>9</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/111/KEE tal-14 ta' Diċembru 1992 li temenda d-Direttiva 77/388/KEE u tintroduċi miżuri ta' simplifikazzjoni fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 384, 30.12.1992, p. 47.

<sup>10</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/77/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 li tissupplimenta s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li temenda d-Direttiva 77/388/KEE (approssimazzjoni tar-rati tal-VAT), ĠU L 316, 31.10.1992, p. 1.

<sup>11</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/542 tal-5 ta' April 2022 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u (UE) 2020/285 fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 107, 6.4.2022, p. 1.

rispettivamente.

Ir-riforma tar-rati tal-VAT żgurat ukoll trattament aktar ugwali sa fejn ippermettiet lill-Istati Membri jagħżlu u jibbenefikaw minn ċerti eżenzjonijiet jew rati mnaqqa li Stati Membri oħra ngħataw fiż-żmien tal-adeżjoni mal-UE u li ma ġewx offruti lill-Istati Membri li ssieħbu aktar reċentement.

F'dan il-qafas, dan ir-rapport, abbozzat f'konformità mal-Artikolu 105a(6) tad-Direttiva tal-VAT, jagħti **ħarsa ġenerali lejn id-derogi permanenti tar-rati tal-VAT** li bħalissa huma applikati mill-Istati Membri. Dawn id-derogi huma mifruxa fuq tliet grupp: wieħed relataż mal-oġġetti u mas-servizzi **elenkati fl-Anness III**; wieħed relataż mal-oġġetti u mas-servizzi **mhux elenkati fl-Anness III**; u wieħed relataż mat-tranżazzjonijiet **tal-akkomodazzjoni mhux soċjali**.

Ir-rapport jipprovd informazzjoni siewja li tista' tintuża biex issir analiżi ulterjuri u biex jintlaħqu konklużjonijiet addizzjonal dwar kif dawn id-derogi jallinjaw mal-objettivi usa' tal-qafas rivedut tal-VAT tal-UE u jappoġġawhom.

### 3. Oġġetti u servizzi li għalihom I-Istati Membri jaapplikaw derogi fuq ir-rati tal-VAT


#### 3.1 Osservazzjonijiet ġenerali dwar id-derogi kollha

L-applikazzjoni tad-derogi tar-rata tal-VAT mhijiex uniformi. L-informazzjoni pprovduta minn **10 Stati Membri** turi li jaapplikaw total ta' **64 deroga**. **Il-Lussemburgu** jaapplika l-ogħla għadd ta' derogi (21), li jirrappreżentaw kważi terz tat-total. **L-Irlanda** ssegwi b'16, u **l-Italja** bi 11. Flimkien, dawn it-3 Stati Membri jkopru 48 deroga, jew 75 % tal-ġħadd totali.

Is-16-il deroga li jifdal li jirrappreżentaw 25 % tat-total huma relatati ma' **Malta** (4), **Ċipru** (3), **Franza** (2), **il-Greċja** (2), **il-Portugall** (2), **Spanja** (2) u **l-Awstrija** (1).

**Malta**, **Ċipru** u **l-Greċja** biss indikaw li għażlu li jaapplikaw id-derogi partikolari applikati minn Stati Membri oħra f'konformità mal-Artikolu 105a(5) tad-Direttiva tal-VAT.

##### Illustrazzjoni 1:



**L-Anness 1** jipprovdi **lista simplifikata** tad-derogi kollha, imqassma skont I-Artikoli rispettivi tad-Direttiva tal-VAT.

**L-Anness 3** jipprovdi lista dettaljata tad-derogi kollha, li tispeċifika t-tranżazzjonijiet u l-kundizzjonijiet applikati mill-Istati Membri.

Hemm total ta' **64 deroga** stabbiliti; f'xi każijiet, tapplika aktar minn deroga waħda għall-istess tranżazzjoni, jiġifieri l-istess tip ta' provvista ta' oġġetti jew servizzi. It-trikkib jirriżulta f'total ta' **54 tip ta' tranżazzjonijiet li jibbenefikaw minn derogi**. Konsegwentement, 10 tipi ta' tranżazzjonijiet huma s-suġġett ta' derogi applikati minn żewġ Stati Membri, jiġifieri **l-Irlanda**, **il-Lussemburgu**, **Ċipru**, **Franza**, **il-Greċja**, **l-Italja**, **Malta** u **l-Portugall**.

Disgħa minn dawn l-applikazzjonijiet doppji jirriżultaw mill-Istati Membri li jeżerċitaw l-għażla prevista fl-Artikolu 105a(5) tad-Direttiva tal-VAT, li tippermettilhom jagħżlu deroga mill-miżuri applikati minn Stati Membri oħra.

It-tranżazzjoni li jifdal tirrigwarda **I-Irlanda** u **I-Lussemburgu**; dawn it-tnejn applikaw rati żero u mnaqqa ħafna rispettivament fl-1 ta' Jannar 2021 għall-ħwejjeġ u għax-xedd is-saqajn tat-tfal.

### Illustrazzjoni 2:

Tranżazzjonijiet koperti minn diversi derogi


Tranżazzjonijiet	Tip ta' rata	Stati Membri
1. Ħwejjeġ u xedd is-saqajn tat-tfal	ZR,SRR	L-Irlanda, il-Lussemburgu
2. L-ewwel spettakli teatrali	SRR	Ċipru, Franzia
3. Tneħħija tal-ostakli arkitettoniċi	SRR	Il-Greċċja, I-Italja
4. Rimi u trattament tad-drenaġġ	SRR	Ċipru, il-Lussemburgu
5. Ġbir u trattament tal-iskart	SRR	Ċipru, il-Lussemburgu
6. Servizzi għall-kura tal-ġisem	PR	L-Irlanda, Malta
7. Kustodja u ġestjoni tat-titoli	PR	Il-Lussemburgu, Malta
8. Ġestjoni tal-krediti u tal-garanziji ta' kreditu	PR	Il-Lussemburgu, Malta
9. Għodod u tagħmir agrikoli	PR	Il-Greċċja, il-Portugall
10. Kiri għal terminu qasir ta' mezzi tat-trasport	PR	L-Irlanda, Malta

Mit-tipi differenti ta' rati tal-VAT, ir-**rata mnaqqa ħafna** tammonta għall-**akbar sehem**, b'31 deroga li jirrappreżentaw kważi nofs it-total (48,4 %). Ir-rati parking isegwu mill-qrib bi 28 deroga, li jammontaw għal 43,8 %.

Il-grupp ta' derogi li jifdal huwa relatat mal-**Italja** u **I-Irlanda**, li jkopru l-applikazzjoni ta' rati mnaqqa u rati żero, rispettivament.

### Illustrazzjoni 3:

Numru ta' derogi skont it-tip ta' rata tal-VAT



Mil-lat tas-settu ekonomiċi kkonċernati, is-**settur tal-akkomodazzjoni u tal-kostruzzjoni jiddomina b'mod ċar**, u jirrappreżenta kważi 30 % tad-derogi kollha. Is-settur tal-kultura, l-isport u t-turiżmu jiġi t-tieni b'madwar 15 %, segwit mis-servizzi pubbliċi b'madwar 10 %.

L-ikel u l-ospitalità, flimkien mas-servizzi finanzjarji, ikopru 14 % oħra tad-derogi. Is-settur soċjali, il-bdiewa (li jinkludu l-agrikoltura), il-benesseri tal-animali u x-xandir flimkien jammontaw għal inqas minn 19 %, bi 3 derogi kull wieħed.

L-10 % li jifdal jinkludu diversi tranżazzjonijiet ta' natura ekonomika differenti.

#### **Illustrazzjoni 4:**



**L-Anness 2** jipprovdi lista simplifikata ta' derogi, imqassma skont is-settur ekonomiku.

### **3.2 Derogi għall-oġġetti u għas-servizzi elenkti fl-Anness III<sup>12</sup>**

Id-derogi f'din il-kategorija huma relatati mal-provvista ta' oġġetti u servizzi elenkti fl-Anness III tad-Direttiva tal-VAT, **ħlief il-punti 1-6 u 10c**. Ir-regoli standard stabbiliti fl-Artikolu 98(2) tad-Direttiva tal-VAT ma jippermettux l-applikazzjoni ta' rati tal-VAT imnaqqsxa ħafna jew żero għal dawn il-prodotti u s-servizzi. Dan huwa possibbli biss skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 105a(1).

**Dawn id-derogi huma permanenti.** L-Istati Membri li japplikawhom jistgħu jkomplu jagħmlu dan wara l-1 ta' Jannar 2032, u anke wara l-adozzjoni ta' arranġamenti definitivi stabbiliti fl-Artikolu 402 tad-Direttiva tal-VAT.

F'din il-kategorija, **7 Stati Membri** japplikaw **total ta' 33 deroga**.


**Il-Lussemburgu** jirrappreżenta l-akbar sehem (45 %) f'din il-kategorija, bi 15-il deroga, segwit mill-**Italja**, bi 8 derogi (24 %).

**L-Irlanda** hija l-uniku Stat Membru li japplika **rata żero tal-VAT** għal żewġ derogi, jiġifieri ħwejjieg u xedd is-saqajn tat-tfal, u t-tħaddim ta' bastimenti tad-dwal, fanali u dgħajjes tas-sopravivenza.

**Il-31 deroga** li jifdal ikopru l-applikazzjoni ta' **rati mnaqqsa ħafna li jvarjaw minn 2,1 % sa 4 %**.

<sup>12</sup>L-Artikolu 105a(1) tad-Direttiva tal-VAT.

### Illustrazzjoni 5:



Bi **12-il deroga** kondiviżi minn **4 Stati Membri**, is-settut tal-**akkomodazzjoni u tal-kostruzzjoni** huwa dak bl-aktar derogi.

**Il-Lussemburgu** japplika rata mnaqqsas ħafna ta' 3 % għall-valur meqjus ipprovdut ta' abitazzjonijiet privati ġodda u rinnovati, inkluż l-użu tagħhom, kif ukoll għarr-rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet privati.

**L-Italja** tapplika rata mnaqqsas ħafna ta' 4 % għall-provvista u għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni mhux lissuża, l-allokazzjoni ta' akkomodazzjoni, il-provvista u l-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni tal-bdiewa, il-kostruzzjoni ta' ċerti binjiet u faċilitajiet b'użu mħallat fil-kostruzzjoni tal-bini, u t-tnejħhija ta' ostakli arkitettoniċi. **Il-Greċja** għandha wkoll rata mnaqqsas ħafna ta' 4 % stabbilita għal dan tal-aħħar.

**Spanja** tapplika rata mnaqqsas ħafna ta' 4 % għall-akkomodazzjoni taħt protezzjoni pubblika.

Fl-oqsma tal-**kultura, l-isport u t-turiżmu, il-Lussemburgu** għandu derogi li jkopru rata mnaqqsas ħafna ta' 3 % għas-servizzi pprovduti minn kittieba u kompożituri, aċċess għal avvenimenti, mużewijiet u faċilitajiet sportivi, u akkomodazzjoni għal terminu qasir.

**Franza u Ċipru** japplikaw rati mnaqqsas ħafna, ta' 2,1 % u 3 % rispettivament, għall-ewwel spettakli teatrali.

Kemm il-**Lussemburgu** kif ukoll **Ċipru** japplikaw rata mnaqqsas ħafna ta' 3 % għas-servizzi pubbliċi bħall-ġbir tal-iskart, it-trattament tal-iskart, ir-rimi tad-drenaġġ u t-trattament tad-drenaġġ. **Il-Lussemburgu** japplika wkoll din ir-rata għas-servizzi tal-impriżi funebri u tal-kremazzjoni.

Kif digħà ssemmra', **I-Irlanda** hija l-uniku Stat Membru b'rata żero ta' VAT, applikata għat-tħaddim ta' bastimenti tad-dwal, fanali u dgħajjes tas-sopravivenza.

F'termini ta' **politika soċċali**, I-Irlanda tapplika wkoll rata żero tal-VAT għall-provvista tal-ħwejjeġ u tax-xedd is-saqajn tat-tfal, filwaqt li **Il-Lussemburgu** japplika rata mnaqqsas ta' 3 %. Fi **Spanja**, is-servizzi relatati mal-kura ta' individwi dipendenti huma soġġetti għal rata mnaqqsas ħafna ta' 4 %.

**Franza, I-Italja u il-Lussemburgu** stabbilew rati mnaqqsas ħafna għal ġerti tranżazzjonijiet li jikkonċernaw **ix-xandir bir-radju jew bit-televiżjoni**. Dawn ir-rati huma 2,1 % fi Franza, 3 % fil-Lussemburgu u 4 % fl-Italja.

Fir-rigward tas-settur **tal-ikel u l-ospitalità, il-Lussemburgu** jaapplika rata mnaqqsas ħafna ta' 3 % għas-servizzi tar-ristoranti u tal-catering. Fl-**Italja**, l-ikel u x-xorb fil-kantins huma soġġetti għal rata ta' 4 %.

Għall-attivitajiet imwettqa mill-**bdiewa, il-Lussemburgu** stabbilixxa rata mnaqqsas ħafna ta' 3 % fuq l-inputs agrikoli.

### **3.3 Derogi għal oġġetti u servizzi mhux elenkti fl-Anness III<sup>13</sup>**

Id-derogi f'din il-kategorija huma relatati mal-provvista ta' oġġetti u servizzi **mhux elenkti fl-Anness III**. Ir-regoli standard stabbiliti fl-Artikolu 98(1) tad-Direttiva tal-VAT ma jippermettux l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsas ta' VAT għal dawn l-oġġetti u s-servizzi. Huwa possibbli biss li dan isir jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 105a(3) tad-Direttiva tal-VAT. L-Artikolu 105a(3) jirrikjedi li r-rata tal-VAT **ma tkunx inqas minn 12 %**.

Għall-kuntrarju ta' dawk li jaqgħu taħt l-Artikolu 105a(2), dawn id-**derogi huma permanenti**, peress li jirrispettar ir-rata minima tal-VAT ta' 12 %. Konsegwentement, l-Istati Membri li jaapplikawhom jistgħu jkomplu jagħmlu dan wara l-1 ta' Jannar 2032, u anke wara l-adozzjoni ta' arranġamenti definitivi stabbiliti fl-Artikolu 402 tad-Direttiva tal-VAT.

Total ta' **28 deroga** ġew applikati minn **6 Stati Membri** skont l-Artikolu 105a(3) tad-Direttiva tal-VAT.

B'14-il deroga, **I-Irlanda** tkopri 50 % ta' din il-kategorija, segwita mil-**Lussemburgu**, b'6 derogi (21 %), u **Malta**, b'4 derogi (14 %).

**Ir-rati parking** applikati f'din il-kategorija jvarjaw minn 12 % f'**Malta** għal 14 % fil-Lussemburgu.

Fis-settur tal-**akkomodazzjoni u tal-kostruzzjoni, I-Irlanda** tapplika rata parking ta' 13,5 % għall-provvista ta' ġerta proprjetà immobblu, xogħlijiet tal-konkrit u djar mobbli użati bħala residenzi.

Fl-oqsma tal-**kultura, l-isport u t-turiżmu, Malta u I-Irlanda** rispettivament jaapplikaw rati parking ta' 12 % u 13,5 % għall-kiri għal terminu qasir ta' ġerti mezzi ta' trasport. **L-Irlanda** tapplika wkoll din ir-rata ta' 13,5 % għas-servizzi ta' jockey u ta' gwida tat-turisti.

Il-kustodja u l-ġestjoni tat-titoli, kif ukoll il-ġestjoni tal-krediti u tal-garanziji ta' kreditu, huma **servizzi finanzjarji** li huma soġġetti għal rati parking ta' 12 % f'**Malta** u 14 % fil-Lussemburgu.

Ċerti provvisti relatati mal-inbid fis-settu tal-**ikel u l-ospitalità** huma soġġetti għal rati parking ta' 13 % fl-**Awstrija u fil-Portugall**, u 14 % fil-Lussemburgu.

**L-Irlanda** għandha rata parking ta' 13,5 % għat-tranżazzjonijiet relatati mal-**animali**, inklużi s-servizzi veterinarji u l-provvista u l-inseminazzjoni tal-klieb tal-fenek.

<sup>13</sup> L-Artikolu 105a(3) tad-Direttiva tal-VAT.

**Il-Portugall u I-Greċja** japplikaw derogi li jkopru t-tranżazzjonijiet għall-**bdiewa**, jiġifieri rata parking ta' 13 % għall-għodod u t-tagħmir agrikoli.

Fis-**servizzi pubbliċi, il-Lussemburgu** japplika rata parking ta' 14 % għall-provvista ta' sħana, tkessiħ u fwar.

Din il-kategorija tkopri għadd ta' derogi oħra relatati ma' varjetà ta' tranżazzjonijiet. Pereżempju, **Malta** u **I-Irlanda** japplikaw rati tal-VAT ta' 12 % u 13,5 % rispettivament għas-servizzi tal-kura tal-ġisem. **L-Irlanda** tapplika wkoll rata ta' 13 % għal provvisti tal-fotografija u dawk relatati, ġerti servizzi ta' tiswija u servizzi ta' għalliema tas-sewqan. **Il-Lussemburgu** japplika rata tal-VAT ta' 14 % għall-provvista ta' servizzi ta' ħasil u tindif, u għal materjal ta' reklamar stampat.

### **3.4 Derogi għall-akkomodazzjoni li mhumiex parti minn politika soċjali<sup>14</sup>**

Din il-kategorija tkopri derogi rigward l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsas tal-VAT mhux inqas mill-minimu ta' 5 % għat-**tranżazzjonijiet tal-akkomodazzjoni li mhumiex parti minn politika soċjali**. L-Istati Membri li applikaw dawn ir-rati mnaqqsas f'konformità mad-dritt tal-UE fl-1 ta' Jannar 2021 jistgħu jkomplu jagħmlu dan.

Madankollu, dawn id-derogi se **jibqgħu permanenti** biss jekk l-Istati Membri jiżguraw li, **mill-1 ta' Jannar 2042**, ir-rati mnaqqsas tal-VAT applikati għal dawn it-tranżazzjonijiet **ma jaqgħux taħt it-12 %**, kif meħtieġ skont l-Artikolu 105b(1) tad-Direttiva tal-VAT.

**L-Italja** hija l-uniku Stat Membru f'din il-kategorija, li tapplika **rata mnaqqsas tal-VAT ta' 10 %** għal ġerti tranżazzjonijiet fis-settur tal-**akkomodazzjoni u tal-kostruzzjoni**. Dawn jinkludu l-provvista u l-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet privati mhux lussużi u xogħilijiet ta' rinnovazzjoni, kif ukoll il-provvista ta' binjiet rinnovati.

### **3.5 Derogi li jinvolvu għażliet magħmula skont l-Artikolu 105a(5)**

L-Artikolu 105a(5) tad-Direttiva tal-VAT ipprovda lill-Istati Membri opportunità li **jagħżlu mid-derogi** applikati minn Stati Membri oħra fl-1 ta' Jannar 2021. Sabiex jinżammu d-derogi, l-Istati Membri kellhom jikkomunikawhom lill-Kumitat tal-VAT sas-7 ta' Lulju 2022. L-Istati Membri li jixtiequ jeżerċitaw dawn l-għażliet kellhom jadottaw ir-regoli dettaljati li jirregolawhom sas-7 ta' Ottubru 2023. Kellhom ukoll jikkomunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li kienu addottaw lill-Kumitat tal-VAT.

Il-Kummissjoni rċeviet dawn il-komunikazzjonijiet minn **Ċipru, il-Greċja u Malta**. Dawn it-tliet Stati Membri għamlu għażliet relatati ma' **disa' derogi li ħames Stati Membri oħra** applikaw inizjalment.

**Ċipru** ddeċieda li japplika rata mnaqqsas ħafna ta' 3 % għall-ewwel spettakli teatrali,


<sup>14</sup> L-Artikolu 105b tad-Direttiva tal-VAT.

magħżula minn **Franza**<sup>15</sup>, kif ukoll għall-ġbir u għat-trattament tal-iskart u għar-rimi u għat-trattament tad-drenaġġ, magħżula mil-**Lussemburgu**, li ġhandu l-istess rata ta' 3 % stabbilita.

**Malta** għażlet li tapplika rata parking ta' 12 % għar-reklutaġġ għal terminu qasir ta' ċerti mezzi ta' trasport u ta' servizzi għall-kura tal-ġisem, kif tagħmel **I-Irlanda**<sup>16</sup>, kif ukoll għall-kustodja u għall-ġestjoni ta' titoli u għall-ġestjoni ta' krediti u garanziji ta' kreditu, kif tagħmel **il-Lussemburgu**<sup>17</sup>.

**Il-Greċċa** ddeċidiet li tapplika l-istess rata mnaqqsxa ħafna tal-VAT ta' 4 % għat-tneħħija tal-ostakli arkitettoniċi bħall-**Italja**, u l-istess rata parking ta' 13 % għall-provvista ta' għodod u tagħmir agrikoli bħall-**Portugall**.

#### Illustrazzjoni 6:



## 4. Prospettiva

Wara r-riforma tar-rati tal-VAT fl-2022, dan ir-rapport jiprovdji informazzjoni siewja dwar id-derogi applikati mill-Istati Membri lil hinn mir-regoli normali, bħal dawk stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva tal-VAT. Dan jikkontribwixxi għal **trasparenza** akbar fir-rigward tar-rati tal-VAT.

Ir-rieżami tad-derogi madwar l-Istati Membri jindika **distribuzzjoni** varjata u **mhux uniformi** fl-applikazzjoni tagħhom, b'konċentrazzjoni notevoli fi ftit Stati Membri biss u preferenza għal setturi ekonomiċi speċifiċi.

Dawn l-observazzjonijiet, flimkien ma' ħafna oħrajn, sejkun utli għar-**rapport tal-2028 dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness III**, f'konformità mal-Artikolu 100 tad-Direttiva tal-VAT, u għal kwalunkwe proposta li tista' takkumpanja r-rapport.

<sup>15</sup> Rata tal-VAT applikata fi Franza: 2,1 %.

<sup>16</sup> Rata tal-VAT applikata fil-Irlanda: 13,5 %.

<sup>17</sup> Rata tal-VAT applikata fil-Lussemburgu: 14 %.

## Anness 1: Lista simplifikata ta' derogi

	<b>Deroga/tranżazzjoni</b>	<b>Stat Membru li qiegħed jaapplika</b>	<b>Magħżula minn Stat Membru Art. 105a(5)</b>	<b>Artikolu</b>	<b>Tip ta' rata</b>	<b>Rata</b>
1	Ħwejjeġ u xedd is-saqajn tat-tfal	L-Irlanda		105a(1)	ZR	0,0 %
2	Tħaddim ta' bastimenti tad-dwal, fanali u dgħajjes tas-soprvivenza eċċ.	L-Irlanda		105a(1)	ZR	0,0 %
3	L-ewwel spettaklu teatrali	Franza		105a(1)	SRR	2,1 %
4	Kontribuzzjoni ġħax-xandir pubbliku	Franza		105a(1)	SRR	2,1 %
5	Inputs agrikoli	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
6	Ħwejjeġ u xedd is-saqajn tat-tfal	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
7	Servizzi ta' ristoranti u catering	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
8	Akkomodazzjoni għal terminu qasir	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
9	Aċċess għall-avvenimenti u għall-mużewijiet	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
10	Aċċess għall-faċilitajiet sportivi	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
11	Ġbir u trattament tal-iskart	Il-Lussemburgu	L-Italja	105a(1)	SRR	3,0 %
12	Rimi u trattament tad-drenaġġ	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %

	<b>Deroga/tranżazzjoni</b>	<b>Stat Membru li qiegħed jaapplika</b>	<b>Magħżula minn Stat Membru Art. 105a(5)</b>	<b>Artikolu</b>	<b>Tip ta' rata</b>	<b>Rata</b>
13	Servizzi tal-impriżi funebri u tal-krematorji	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
14	Servizzi minn kittieba u kompożituri	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
15	Servizzi tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
16	Valur meqjus ipprovdut ta' abitazzjonijiet privati ġodda u rinnovati	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
17	Użu ta' abitazzjonijiet privati ġodda u rinnovati	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
18	Rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet privati użati mis-sid	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
19	Rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet privati użati minn oħrajn minbarra s-sid	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
20	L-ewwel spettaklu teatrali	Ċipru	Franza	105a(1)	SRR	3,0 %
21	Ġbir u trattament tal-iskart	Ċipru	Il-Lussemburgu	105a(1)	SRR	3,0 %
22	Rimi u trattament tad-drenaġġ	Ċipru	Il-Lussemburgu	105a(1)	SRR	3,0 %
23	Servizzi tax-xandir bir-radju	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
24	Provista u kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni mhux lussuża	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
25	Allokazzjoni tal-akkomodazzjoni	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
26	Provista u kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni tal-bdiewa	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %

	<b>Deroga/tranżazzjoni</b>	<b>Stat Membru li qiegħed jaapplika</b>	<b>Magħżula minn Stat Membru Art. 105a(5)</b>	<b>Artikolu</b>	<b>Tip ta' rata</b>	<b>Rata</b>
27	Kostruzzjoni ta' ċerti binjet b'użu mħallat	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
28	Ċerti faċilitajiet fil-kostruzzjoni tal-bini	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
29	Tneħħija tal-ostakli arkitettoniċi	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
30	Ikel u xorb fil-kantins	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
31	Akkomodazzjoni taħt protezzjoni pubblika	Spanja		105a(1)	SRR	4,0 %
32	Kura għan-nies f'sitwazzjonijiet ta' dipendenza	Spanja	Il-Lussemburgu	105a(1)	SRR	4,0 %
33	Tneħħija tal-ostakli arkitettoniċi	Il-Greċċa	L-Italja	105a(1)	SRR	4,0 %
34	Kiri għal terminu qasir ta' mezzi tat-trasport	Malta	L-Irlanda	105a(3)	PR	12,0 %
35	Servizzi għall-kura tal-ġisem	Malta	L-Irlanda	105a(3)	PR	12,0 %
36	Kustodja u ġestjoni tat-titoli	Malta	Il-Lussemburgu	105a(3)	PR	12,0 %
37	Ġestjoni tal-krediti u tal-garanziji ta' kreditu	Malta	Il-Lussemburgu	105a(3)	PR	12,0 %
38	Inbid fornut mill-produttur	L-Awstrija		105a(3)	PR	13,0 %
39	Inbejjed tal-mejda	Il-Portugall		105a(3)	PR	13,0 %
40	Għodod u tagħmir agrikoli	Il-Portugall		105a(3)	PR	13,0 %
41	Għodod u tagħmir agrikoli	Il-Greċċa	Il-Portugall	105a(3)	PR	13,0 %
42	Proprjetà immobбли għall-akkomodazzjoni	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
43	Proprjetà immobбли minbarra l-akkomodazzjoni	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %

	<b>Deroga/tranżazzjoni</b>	<b>Stat Membru li qiegħed jaapplika</b>	<b>Magħżula minn Stat Membru Art. 105a(5)</b>	<b>Artikolu</b>	<b>Tip ta' rata</b>	<b>Rata</b>
44	Xogħlijiet tal-konkrit	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
45	Provisti fotografiċi u provvisti relatati	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
46	Kiri għal terminu qasir ta' mezzi tat-trasport	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
47	Servizzi ta' tiswija u servizzi relatati	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
48	Servizzi għall-kura tal-ġisem	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
49	Servizzi ta' jockey	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
50	Servizzi ta' kirurgi veterinarji	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
51	Servizzi ta' gwida turistika	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
52	Servizzi ta' għalliema tas-sewqan	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
53	Klieb tal-fenek	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
54	Inseminazzjoni tal-klieb tal-fenek	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
55	Dar mobbli bħala residenza	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
56	Inbid tal-ghenueb frisk	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %
57	Ħasil u tindif	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %
58	Materjal ta' reklamar stampat	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %
59	Tisħin, tkessiħ u fwar	Il-		105a(3)	PR	14,0 %

	<b>Deroga/tranżazzjoni</b>	<b>Stat Membru li qiegħed jaapplika</b>	<b>Magħżula minn Stat Membru Art. 105a(5)</b>	<b>Artikolu</b>	<b>Tip ta' rata</b>	<b>Rata</b>
		Lussemburgu				
60	Kustodja u ġestjoni tat-titoli	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %
61	Ġestjoni tal-krediti u tal-garanziji ta' kreditu	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %
62	Provista u kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet privati mhux lüssuži	L-Italja		105b	RR	10,0 %
63	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni	L-Italja		105b	RR	10,0 %
64	Provista ta' binjet rinnovati	L-Italja		105b	RR	10,0 %

ZR = rata żero / eżenzjoni

SRR = rata tat-taxxa mnaqqsas ħafna

PR = rata parking

L-Istati Membri li għażlu mil-lista skont l-Artikolu 105a(5)

L-Istati Membri b'deroga għall-istess tranżazzjoni

## Anness 2: Lista simplifikata ta' derogi skont is-settur

	<b>Qasam ta' politika</b>	<b>Deroga/tranżazzjoni</b>	<b>Stat Membru li qiegħed jaapplika</b>	<b>Magħżula minn Stat Membru Art. 105a(5)</b>	<b>Artikolu</b>	<b>Tip ta' rata</b>	<b>Rata</b>
1	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Valur meqjus ipprovdut ta' abitazzjonijiet privati ġodda u rinnovati	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
2	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Użu ta' abitazzjonijiet privati ġodda u rinnovati	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
3	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet privati użati mis-sid	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
4	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet privati użati minn oħrajn minbarra s-sid	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
5	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Provlista u kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni mhux lussuża	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
6	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Allokazzjoni tal-akkomodazzjoni	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
7	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Provlista u kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni tal-bdiewa	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
8	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Kostruzzjoni ta' ċerti binjet b'użu mħallat	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
9	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Ċerti faċilitajiet fil-kostruzzjoni tal-bini	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
10	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Tneħħija tal-ostakli arkitettoniċi	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
11	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Tneħħija tal-ostakli arkitettoniċi	Il-Greċċa	L-Italja	105a(1)	SRR	4,0 %

	<b>Qasam ta' politika</b>	<b>Deroga/tranżazzjoni</b>	<b>Stat Membru li qiegħed jaapplika</b>	<b>Magħżula minn Stat Membru Art. 105a(5)</b>	<b>Artikolu</b>	<b>Tip ta' rata</b>	<b>Rata</b>
12	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Akkomodazzjoni taħt protezzjoni pubblika	Spanja		105a(1)	SRR	4,0 %
13	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Proprjetà immoblli għall-akkomodazzjoni	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
14	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Proprjetà immoblli minbarra l-akkomodazzjoni	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
15	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Xogħliliet tal-konkrit	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
16	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Dar mobbli bħala residenza	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
17	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Provvida u kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet privati mhux lussużi	L-Italja		105b	RR	10,0 %
18	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Xogħliliet ta' rinnovazzjoni	L-Italja		105b	RR	10,0 %
19	Akkomodazzjoni, kostruzzjoni	Provvida ta' binjiet rinnovati	L-Italja		105b	RR	10,0 %
20	Kultura, Sport, Turiżmu	L-ewwel spettaklu teatrali	Franza		105a(1)	SRR	2,1 %
21	Kultura, Sport, Turiżmu	L-ewwel spettaklu teatrali	Ċipru	Franza	105a(1)	SRR	3,0 %
22	Kultura, Sport, Turiżmu	Akkomodazzjoni għal terminu qasir	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
23	Kultura, Sport, Turiżmu	Aċċess għall-avvenimenti u għall-mużewijiet	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
24	Kultura, Sport, Turiżmu	Aċċess għall-faċilitajiet sportivi	Il-		105a(1)	SRR	3,0 %

	<b>Qasam ta' politika</b>	<b>Deroga/tranżazzjoni</b>	<b>Stat Membru li qiegħed jaapplika</b>	<b>Magħżula minn Stat Membru Art. 105a(5)</b>	<b>Artikolu</b>	<b>Tip ta' rata</b>	<b>Rata</b>
			Lussemburgu				
25	Kultura, Sport, Turiżmu	Servizzi minn kittieba u kompożituri	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
26	Kultura, Sport, Turiżmu	Kiri għal terminu qasir ta' mezzi tat-trasport	Malta	L-Irlanda	105a(3)	PR	12,0 %
27	Kultura, Sport, Turiżmu	Kiri għal terminu qasir ta' mezzi tat-trasport	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
28	Kultura, Sport, Turiżmu	Servizzi ta' jockey	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
29	Kultura, Sport, Turiżmu	Servizzi ta' gwida turistika	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
30	Servizz pubbliku	Tħaddim ta' bastimenti tad-dwal, fanali u dgħajjes tas-soprvivenza eċċ.	L-Irlanda		105a(1)	ZR	0,0 %
31	Servizz pubbliku	ġbir u trattament tal-iskart	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
32	Servizz pubbliku	ġbir u trattament tal-iskart	Ċipru	Il-Lussemburgu	105a(1)	SRR	3,0 %
33	Servizz pubbliku	Rimi u trattament tad-drenaġġ	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
34	Servizz pubbliku	Rimi u trattament tad-drenaġġ	Ċipru	Il-Lussemburgu	105a(1)	SRR	3,0 %
35	Servizz pubbliku	Servizzi tal-impriżi funebri u tal-krematorji	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
36	Servizz pubbliku	Tiშin, tkessiħ u fwar	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %
37	Ikel u ospitalità	Servizzi ta' ristoranti u catering	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %

	<b>Qasam ta' politika</b>	<b>Deroga/tranżazzjoni</b>	<b>Stat Membru li qiegħed jaapplika</b>	<b>Magħżula minn Stat Membru Art. 105a(5)</b>	<b>Artikolu</b>	<b>Tip ta' rata</b>	<b>Rata</b>
38	Ikel u ospitalità	Ikel u xorb fil-kantins	L-Italja		105a(1)	SRR	4,0 %
39	Ikel u ospitalità	Inbid fornut mill-produttur	L-Awstrijja		105a(3)	PR	13,0 %
40	Ikel u ospitalità	Inbejjed tal-mejda	Il-Portugall		105a(3)	PR	13,0 %
41	Ikel u ospitalità	Inbid tal-ġeneb frisk	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %
42	Servizzi finanzjarji	Kustodja u ġestjoni tat-titoli	Malta	Il-Lussemburgu	105a(3)	PR	12,0 %
43	Servizzi finanzjarji	Kustodja u ġestjoni tat-titoli	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %
44	Servizzi finanzjarji	Ġestjoni tal-krediti u tal-garanziji ta' kreditu	Malta	Il-Lussemburgu	105a(3)	PR	12,0 %
45	Servizzi finanzjarji	Ġestjoni tal-krediti u tal-garanziji ta' kreditu	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %
46	Soċjali	Ħwejjeġ u xedd is-saqajn tat-tfal	L-Irlanda		105a(1)	ZR	0,0 %
47	Soċjali	Ħwejjeġ u xedd is-saqajn tat-tfal	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
48	Soċjali	Kura għan-nies f'sitwazzjonijiet ta' dipendenza	Spanja		105a(1)	SRR	4,0 %
49	Bdiewa	Inputs agrikoli	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
50	Bdiewa	Għodod u tagħmir agrikoli	Il-Portugall		105a(3)	PR	13,0 %
51	Bdiewa	Għodod u tagħmir agrikoli	Il-Greċja	Il-Portugall	105a(3)	PR	13,0 %
52	Annimali	Servizzi ta' kirurgi veterinarji	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %

	<b>Qasam ta' politika</b>	<b>Deroga/tranżazzjoni</b>	<b>Stat Membru li qiegħed jaapplika</b>	<b>Magħżula minn Stat Membru Art. 105a(5)</b>	<b>Artikolu</b>	<b>Tip ta' rata</b>	<b>Rata</b>
53	Annimali	Klieb tal-fenek	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
54	Annimali	Inseminazzjoni tal-klieb tal-fenek	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
55	Xandir, Radju	Xandir, Radju	Franza		105a(1)	SRR	2,1 %
56	Xandir, Radju	Xandir, Radju	Il-Lussemburgu		105a(1)	SRR	3,0 %
57	Xandir, Radju	Xandir, Radju	L-Irlanda		105a(1)	SRR	4,0 %
58	Oħra	Servizzi għall-kura tal-ġisem	Malta	L-Irlanda	105a(3)	PR	12,0 %
59	Oħra	Servizzi għall-kura tal-ġisem	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
60	Oħra	Provisti fotografiċi u provvisti relatati	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
61	Oħra	Servizzi ta' tiswija u servizzi relatati	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
62	Oħra	Servizzi ta' għalliema tas-sewqan	L-Irlanda		105a(3)	PR	13,5 %
63	Oħra	Ħasil u tindif	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %
64	Oħra	Materjal ta' reklamar stampat	Il-Lussemburgu		105a(3)	PR	14,0 %

ZR = rata żero / eżenzjoni

SRR - rata tat-taxxa mnaqqsa ħafna

PR = rata parking

L-Istati Membri li għażlu mil-lista skont l-Artikolu 105a(5)

L-Istati Membri b'deroga għall-istess tranżazzjoni

## Anness 3: Lista dettaljata ta' derogi skont l-Istat Membru

L-Awstrija						
Numru	Bażi legali			Test tad-dispożizzjonijiet ewlenin	Kundizzjonijiet tal-applikazzjoni	Rata jew eżenzjoni
	105a(1)	105(3)	105b			
1		X		<p>Provisti ta' nbid magħmul minn ġħeneb frisk taħt is-subintestaturi 2204 21, 2204 22 u 2204 29 tan-Nomenklatura Magħquda u xarbiet oħra ffermentati taħt l-intestatura 2206 tan-Nomenklatura Magħquda prodotti f'fazjenda agrikola domestika, dment li l-produttur jipprovi x-xarbiet bħala parti min-negożju agrikolu tiegħu. Dan ma jaapplikax għall-provvista ta' xarbiet prodotti minn materjal i-mixtri (eż. ġħeneb, maxx, most, most iffermentat) jew servuti fil-bini tal-azjenda, inklużi l-ġonna tar-ristoranti (Buschenschank). Fil-każ ta' trasferiment ta' azjenda agrikola kollha kemm hi lill-konjuġi jew lis-sieħeb/sieħba irregġistrat/a, kif ukoll lid-dixxidenti, lit-tfal tal-konjuġi, lit-tfal adottivi jew lill-konjuġi, lis-sħab irregġistrati jew lid-dixxidenti tagħhom, iċ-ċessjonarju tal-azjenda għandu jitqies ukoll bħala l-produttur tax-xarbiet meħud fil-qafas tat-trasferiment tal-azjenda, sa fejn it-naqqis fit-taxxa kien ikun applikabbli wkoll għall-provvista ta' dawn ix-xarbiet mit-trasferitur tal-azjenda.</p>	<p>L-inbid ta' ġħeneb frisk (is-subintestaturi 2204 21 u 2204 29 tan-Nomenklatura Magħquda) ma jinkludix inbid spumanti.</p> <p>Xarbiet iffermentati oħra tal-intestatura 2206 tan-Nomenklatura Magħquda jinkludi, pereżempju, is-sidru, il-perry, l-inbid tal-passolina u l-idromel. Ix-xarbiet distillati mhumiex inklużi hawnhekk.</p> <p>Il-prerekwiżiti għat-trattament preferenzjali skont l-Artikolu 10, il-paragrafu 3, is-subparagrafu 11 tal-UStG 1994 huma l-produzzjoni tax-xarba minn ġħeneb jew frott proprju u l-provvista fin-negożju agrikolu proprju fl-Awstrija.</p> <p>Il-bejgħ permezz ta' intraprija kummerċjali tal-istess imprenditur (eż. ristorant) huwa ta' ḫsara wkoll.</p> <p>Jekk ma jkunx jista' jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt l-inbid mibjugħi mill-bidwi kienx prodott minn ġħeneb maħsud minnu stess jew mixtri, it-trattament preferenzjali għalhekk ma jintilifx kompletament. F'tali każijiet, il-firxa tat-trattament preferenzjali trid tiġi ddeterminata permezz ta' stima, filwaqt li jitqiesu x-xiri addizzjonali u r-rati tar-rendiment tas-soltu. It-trasferiment tan-negożju jinkludi t-trasferiment <i>inter vivos</i> gratuwit tan-negożju (eż. matul suċċessjoni antiċipata), it-trasferiment permezz ta' wirt kif ukoll it-trasferiment ta' negożju bi-ħlas. It-trattament preferenzjali jista' jiġi applikat ukoll fil-każ ta' lokazzjoni, dment li jkun jista' jiġi preżunt li l-lokatur qatt ma jerġa' jiġiestixxi n-negożju akkont tiegħu u għar-riskju tiegħu stess.</p>	Rata parking (13 %)

<b><i>Franza</i></b>						
Numru	Bażi legali			Test tad-dispożizzjonijiet ewlenin	Kundizzjonijiet tal-applikazzjoni	Rata jew eżenzjoni
	105a(1)	105(3)	105b			
